Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-20 ta' Mejju 2024**

**Distrett Valletta**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Kevin Pulis)**

**Versus**

**Christopher Grech**
**(369064M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Christopher Grech** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 369064M.

Akkuzat talli nhar is-26 ta' Dicembru, 2021, ghall-habta ta' 15:40hrs, gewwa Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta;

1. Naqas li jilbes maskra medika jew ta' drapp jew 'visor' b'mod xieraq li tghatti l-imnieher, il-halq u l-geddum tal-persuna (A.L. 471/2021);

2. M'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' Ps174 E. Scicluna inkarigata minn servizz pubbliku, jew ma hallihiex jew fixkilha waqt li kienet taghmel id-dmirijiet taghha, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirha, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi (Art. 338(ee), Kap. 9).

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda ta' l-imputat.
Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghal provi migjuba.

Semghat it-trattazzjoni finali ta' l-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi PS174 E. Scicluna fl-Avvidavit taghha qalet illi waqt ronda fit-toroq tal-Belt fis-26 ta' Dicembru 2021 bejn 15.00 u 17.05, fit-Triq Repubblika innotat persuna, Christopher Grech minghajr maskla. Dan gie mwaqqaf fl-15.40 u nghata struzzjoni biex jilbes il-maskla skond SL465.48 u li kienu ser jinhargu l-akkuzi fil-konfront tieghu. Christopher Grech qalilha illi kien parti minn protesta dwar il-maskli, li kienet ghaddejja dakinhar fit-toroq tal-Belt. L-imputat qal lill-Pulizija li ma riedx jilbes il-maskra ghax ir-regolament imur kontra d-drittijiet tal-bniedem. Hu baqa' m'obdiex l-odnijiet tal-Pulizija. Fil-kontro ezami ix-xhud qalet illi huwa minnu li kien hemm protesta kontra l-ilbies tal-maskla, izda peress illi l-legislazzjoni sussidjara kienet ghadha fis-sehh, ma kienx ezentat milli jilbes maskla. Hi kienet liebsa l-maskla u talbitu kemm -il darba jilbes il-maskla ghas-sigurta' taghha u tieghu, izda baqa' jirrifjuta u jitkellem f'wiccha.

Illi xehed l-imputat Christopher Grech fejn qal illi s-surgent u pulizija ohra kienu qalulu biex jilbes il-maskla, izda hu rrifjuta ghax hija kontra l-Artikolu 33 u 36 tal-Kostituzzjoni u d-dritt uman, in oltre hu kellu kopja tac-certifikat tat-tabib li kien jezentah milli jilbes il-maskla, li gie ipprezentat u immarkat Dok. CG1 ghax kien ibaghti biex jiehu n-nifs. Is-surgent talbitu ukoll l-karta tal-identita' u n-numru tal-mobile u ghalkemm taha l-karta tal-identita', rrifjuta li jaghtiha n-numru tal-mobile. Fil-kontro ezami l-imputat qal illi jbaghti minn multiple sclerosis li hija problema tan-nervituri u li ma jistax jilbes il-maskla. Mistoqsi jekk setghax jilbes visor flok maskla, hu wiegeb li hija dritt fundamentali tieghu taht il-kostituzzjoni ghax min ma jistax jiehu nifs jista' jmut.

**Ikkunsidrat**

Llli mill-provi irrizulta illi l-imputat kien qieghed jippartecipa f'protesta dwar l-ilbies tal-maskli, u ma' ienx liebes il-maskla fi zmien meta kulhadd kellu jilbes maskla meta jkun fil-pubbliku. Meta gie mwaqqaf mill-pulizija u ordnat illi jilbes il-maskla, hu baqa' jirrifjuta milli jaghmel dan ghax skond hu kien kontra d-dritt fundamentali tieghu u in oltre kellu certifikat mediku li jghid illi l-maskla tikkawzalu ansjeta'. Illi rigward il-

legislazzjoni relattiva, llum il-gurnata SL 465.48 m'ghadiex fis-sehh u dan permezz tal-AL 125/2022.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali u semghat ix-xhieda, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat u fir-rigward tat-tieni akkuza, il-Qorti hija konvinta illi din ma gietx pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u tilliberah minnhom.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**